MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 239/2001/1

**Avviz numru 239/2001DM**

**Korporazzjoni EneMalta**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ disa’ mija hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm935.21) rappresentanti danni minnhu kkagunati f’cable tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici, liema danni graw fit-12 ta’ Mejju 2000 gewwa tal-Papa Substation, Luqa.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2001, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-istess ittra ufficjali u bil-konvenut ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok, is-socjeta attrici trid tipprova li hija garrbet hsara go *cable* tad-dawl propjeta' taghha gewwa tal-Papa Substation, Hal-Luqa, fit-12 ta' Mejju 2000;

2 Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-eccipjenti ma kienitx responsabbli ghal hsara li l-Korporazzjoni attrici tallega li garrbet;

3 Fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghall-premess, il-*quantum* tad-danni pretiz mill-Korporazzjoni attrici huwa esagerat;

4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-korporazzjoni attrici tallega illi l-hsara fil-cable tad-dawl taghha gara fit-12 ta' Mejju tas-sena 2000, il-provi minnha prodotti kollha jindikaw illi l-hsara allegata minnhom grat f'data ulterjuri, xi xahar qabel it-12 ta' Mejju meta Joseph Camilleri, l-konvenut, kif jammetti huwa stess, kien ghamel xogholijiet ta' thaffir fuq il-post illi kienu tlestew xi xahar qabel ma l-korporazzjoni effettivament allegat illi giet riskontrata l-hsara.

Infatti jirrizulta illi kienet inqatghet il-provvista' tal-luce elettrika f'Hal Luqa fl-10 ta' Mejju tas-sena 2000, u meta t-teknici tal-korporazzjoni attrici indagaw il-kawza ta' dan il-qtugh, waslu f'St Thomas Street fejn tinkrocja ma Triq Hal Qormi, Hal Luqa, u billi ma kien l-ebda sinjal ta' thaffir

kellhom huma stess jaghmlu jiskavaw fl-inhawi biex jinvestigaw il-*cable* taghhom li kien ghaddej f'dak il-lokal.

L-istess xhieda prodotti mill-atturi, jikkonfermaw illi l-provvista tad-dawl kienet inqatghet qabel ma l-impjegati tal-korporazzjoni haffru biex jinvestigaw u illi x-xogholijiet li kienu saru precedentement f'dak il-post kienu ilhom li tlestew iktar minn xahar qabel m' avvera ruhu l-qtugh tal-provvista.

Billi l-konvenut min-naha tieghu, ghalkemm jammetti li effettivament huwa kien ghamel xi xogholijiet ta' thaffir ta' trinek gimghat qabel il-qtugh tal-provista, jichad illi laqat xi *cable* tal-korporazzjoni u billi, meta kien effettivament qieghed jghamel dawn ix-xogholijiet, ma sar ebda qtugh ta' provvista ta' luce eletrika, jispetta lill-korporazzjoni li tipprova fuq bilanc ta' probabilita' illi l-qtugh tal-provista iktar minn xahar wara li l-konvenut kien lesta mix-xogholijiet kien ikkawzat direttament mit-thaffir maghmul minnhu u li ma kienx qed issir bil-grad ta diligenza rikjest mill-arti u s-sengha.

L-unika spegazzjoni moghtija mill-atturi, ghaliex il-provista ta' l-lucelettrika nqatghat iktar minn xahar wara d-data li huma jallegaw li fiha grat il-hsara, hija bbazata fuq tixrib jew umdita' illi wasslet ghal qtugh tal-provista bit-traskors taz-zmien.

Izda l-istess ufficjal tekniku tal-korporazzjoni, Anthony Farrugia, jiddikjara illi meta l-atturi haffru biex jinvestigaw il-qtugh tal-provvista, tixrib ma kienx hemm, izda sab biss sinjal indikattiv illi l-Cavle kien gie milqut.

Dan il-fatt, marbut ukoll mal-fatt l-iehor illi mhux eskluz illi l-marka li nstabet fuq il-cable u li tidher fir-ritratti, esibit setghet giet ikkawzata minn xi fattur iehor anke tekniku u anke kompriz it-thaffir mill-persuni nkarigati mill-istess korporazzjoni, iwassal lil-Qorti biex tikkonkludi illi ma rrizultawx provi sufficjenti biex tista' tasal li tattribwixxi l-kawza tal-hsarat fil-cable tal-korporazzjoni attrici ghan-negligenza tal-konvenut, Joseph Camilleri.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------